MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Avviz Numru. 163/2012

**Spinola Development Co Ltd**

**vs**

**Bellia Luciano**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-7 ta’ Mejju 2012 fejn is-socjeta attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ hdax-il elf u hmistax-il Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€11,015.25) rapprezentanti hlasijiet dovuti lis-socjeta attrici in konnessjoni ma’l-appartament 1861, Portomaso Apartments, Portomaso, San Giljan, kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez u bl-imghax bit-tmienja (8%) fil-mija sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz proprju gew imwahhla fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, w' il-Kunsill Lokali ta' San Giljan kif ukoll fl-indirizz tal-konvenut fl-10 ta' Settembru 2012, u dan skond ir-riferti pozittivi tal-Marixxal John Francica datati 10 ta' Ottubru 2011 (fol 12 tergo).

Rat illi l-konvenut gie wkoll notifikat b'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar id-9 ta' Ottubru 2012 (fol. 11) u fil-gazzetta lokali 'The Malta Independent' nhar is-26 ta' Ottubru 2012 (fol 15).

Illi fis-seduta tat-2 ta' Novembru, 2012 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tallum 9 ta' Novembru, 2012 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba ta'l-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hdax-il elf u hmistax-il Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€11,015.25) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut w bl-imghaxijiet legali kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------